*Statwi u Niċeċ fit-Toroq ta' Bormla (8)*

# Statwa u Ħames niċeċ tal-Madonna, il-Wiċċ ta' Kristu, San Ġorġ u lista ta' l-istatwi u n-niċeċ kollha

**kitba ta' Sunny Aquilina**

F'dan l-artiklu se niktbu fuq statwa u Ħames niċeċ oħra tal-Madonna, niċċa żgħira li fiha busta tal-Wiċċ ta' Kristu, emblema b'San Ġorġ u nikkonkludu b'lista sħiħa ta' statwi u niċeċ li għandna f'Bormla. Dawn kollha tkellmina dwarhom f'din is-serje ta' artikli, sena wara l-oħra, fil-Programm tal-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa l-Belt ta' Bormla li joħroġ kull sena, mill-Kumitat tal-festa ta' barra.

## Żewġ niċeċ tal-Madonna tal-Midalja jew tar-Raġġi fi Triq San Lazzru u Triq l-Immakulata

Niċċa tal-Madonna li jidher li m'ilħiex li saret insibuha fuq il-bieb numru 51, Triq San Lazzru. Din in-niċċa hija moderna u għandha għamla kwadra bi gwarniċ ta' l-injam fuq ġej ftit għat-tond. Fiha nsibu statwa mdaqqsa tal-Madonna tal-Midalja b'libsa bajda u mant ċelest. Qiegħda fuq bradella bil-fjuretti żgħar u ma' ġenbha hemm żewġ bukketti tal-fjuri. Fuq wara hemm purtiera ċelesta u żewġ anġli żgħar lewn id-deheb, wieħed kull naħa.

Statwa oħra mdaqqsa tal-Madonna tal-Midalja, li llum huma komuni u ssibhom f'diversi nħawi, tinsab f'niċċa sempliċi ta' l-injam fil-parapett tad-dar numru 8, Triq l-Immakulata. F'din l-istess triq, ftit aktar lejn il-mina nsibu niċċa żgħira ma' ġenb bieb li fiha hemm busta tal-**Wiċċ ta' Kristu**. Din it-triq tiġi kif tidħol mill-Mina ta' SanTumas mill-Fgura.

## Statwa u tliet niċeċ ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fi Triq Srejdek, fi Triq l-Oratorju, Triq il-Gendus u fi Triq San Ġorġ

Niċċa oħra tal-Madonna li jidher li m'ilhiex li saret qiegħda bejn il-bibein numru 33 u 34 fi Triq l-Oratorju. Fiha nsibu statwa mhux kbira ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-istil tal-pittur famuż Spanjol Murillo, l-artist imsemmi għall-pittura tiegħu tal- Kunċizzjoni. L-istatwa għandha libsa bajda u mant ċelest ma' ġenbha. Quddiem Blokk XVI C, fi Triq il-Gendus, mat-taraġ hemm ukoll niċċa żgħira, kwadra, li fiha statwa tal-Kunċizzjoni f'dan l-istil. Ma' ġenb id-dar numru 29 fi Triq Srejdek hemm ukoll statwa mdaqqsa

tal-Kunċizzjoni fl-istil ta' Murillo. Qiegħda fuq mensola hija bajda u bl-anġli żgħar taħt riġlejha. Fi Triq San Ġorġ ukoll insibu niċċa żgħira tal-gebel li fiha statwa żgħira tal-Kunċizzjoni, kopja tal-vara titulari. Din qiegħda ma' ġenb il-garaxx tas-Sur Cachia Belli qrib numru 26.



*Pittura li turi lil San Ġorġ li riekeb fuq żiemel jissielet mad-dragun. Din il-pittura qiegħda fis-sala ewlenija tal-każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.*

## Emblema b'San Ġorġ tal-Każin tal-Banda

Mal-faċċata tal-każin tal-Banda ta' Bormla, fil-parti ċentrali fuq il-gallarija hemm skolpità l-emblema tal-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Ta' min jgħid li l-emblema oriġinali kienet iddisinjata mill-pittur Ġan Patist Spagnol, li għamel bosta disinji għall-każin u pitter it-tliet kwadri kbar li nsibu fis-Sala ewlenija Marija Immakulata, li juru lil San Ġorġ, lil Santa Ċeċilja u lill-Gran Mastru Nikola Cotoner.

Naturalment l-emblema ta' fuq il-faċċata fiha skolpit lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel jissielet u jirbaħ fuq id-dragun billi l-isem tal-Banda huwa Banda San Ġorġ għalkemm it-tradizzjoni tgħid li l-isem '*San Giorgio*' ingħata għall-Markiż Barbaro di San Giorgio li kien l-ewwel President u kien għadu fil-ħatra meta wiret il-Markeżat minn għand missieru fl-1880, is-sena li fiha l-banda ħadet dan l-isem.

## Għeluq

Fl-aħħarnett ta' min jinnota li nsibu għadd ta' statwi jew niċeċ żgħar fuq xi bejt jew ma' ġenb xi bibien minbarra l-istatwi u niċeċ li semmejna. Għandi żewġ suġġerimenti li xtaqt ngħidilhom; l-ewwel wieħed li tista' ssir xi statwa f'niċċa li hemm vojta fi Triq San Franġisk, kantuniera 'il fuq mill-Knisja ta' San Pawl.

Fil-faċċata tal-knisja ta' Santa Tereża wkoll hemm żewġ niċeċ vojta, nifhem li kien hemm il-ħsieb li fihom jitqegħdu xi statwi wkoll. It-tieni tkun ħaġa sabiħa kieku terġa' ssir statwa kif kienet il-vara titulari tal-Kunċizzjoni qabel saret tal-fidda fin-niċċa kantuniera ta' Triq l-Oratorju ma' Triq Santa Margerita. Din kienet tneħħiet u hemm in-niċċa vojta.

Forsi jieħu ħsieb l-Kunsill Lokali? Qabel nagħtu lista sħiħa ta' dawn l-istatwi u niċeċ li għandna ġewwa l-Belt Cospicua ta' min ifakkar li dawn huma l-wirt Belt Twelidna u patrimonju li ħallewlna missirijietna, dmirna huwa li nieħdu ħsiebhom, napprezzawhom u nibżgħu għalihom biex ngħaddu dan il-wirt lil uliedna.



*Statwa tal-Kunċizzjoni li kienet in-naħa ta' Santa Liena. Din l-istatwa tal-ġebel li tkissret fil-gwerra qabel kienet fuq iz-zuntier tal-knisja.*


# A. Tabone

Florist & Greengrocer



258, Sanctuary Street,
Żabbar ZBR 04

Tel: 21 667543 - 21 690237
Mob: 7966 7543

**We do flower arrangements for all occasions**

## Statwi kbar fil-Pjazez u t-Toroq ta' Bormla (7)

| | |
|---|---|
| Qalb ta' Ġesù | Fi Triq San Ġorġ |
| **Tal-Madonna** | |
| Il-Kunċizzjoni | Quddiem il-Knisja Parrokkjali |
| | Fi Triq il-Kunċizzjoni |
| Id-Duluri | Triq l-Oratorju |
| | Fiċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ |
| **Qaddisin** | |
| San Pawl | Mal-faċċata tal-knisja ta' San Pawl |
| Sant'Elija | Fil-pjazzetta quddiem il-knisja ta' S. Tereża |
| **Monumenti** | Tal-Pelleġrinaġġ 19.XI.1944 u 'l-Vittmi tal-Gwerra Bormliżi' fi Triq ix-Xatt ta' Bormla |
| | Taċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni' fi Pjazza Gavino Gulia |

## Statwi żgħar (9)

| | |
|---|---|
| Qalb ta' Ġesù | (fid-Daħla taħt il-Mina ta' Għajn Dwieli) |
| Immakulata Kunċizzjoni | Fi Triq Srejdek |
| Madonna ta' Lourdes | Fi Triq Hanover |
| | Pjazzetta Verdala |
| | (Fid-Daħla taħt il-Mini ta' Għajn Dwieli) |
| Tal-Midalja jew tar-Raġġi | F'Nru. 13 Triq Polverista (fuq il-bejt) |
| | Fuq il-bejt Azz. Katt. Triq l-Oratorju |
| | Fuq Verdala (kif tidħol mill-mina) |
| | Fi Triq Wiġi Rosato |

## Statwi li kien hawn f'Bormla u m'għadhomx jeżistu

| | |
|---|---|
| Kunċizzjoni | F'Santa Liena |
| | Is-Suq il-Qadim/Sqaq il-Kunċizzjoni |
| | Fi Triq l-Oratorju/Triq S. Margerita |
| Madonna tal-Karmnu | Fil-Pjazzetta n-naħa ta' fuq ta' Triq il-Gendus |
| San Pawl | Fi Pjazza Gavino Gulia |
| Sant'Andrija | Fi Triq ix-Xatt ta' Bormla |
| San Ġużepp | Fit-Triq il-Ġdida |

## Niċeċ fil-Pjazez u t-Toroq ta' Bormla (26)

| | |
|---|---|
| Kurċifiss | fil-Faċċata ta' dar Nru. 154 Triq Matty Grima |
| | Fi Triq Wiġi Rosato |
| | Fuq il-Bieb ta' l-Oratorju |
| Wiċċ ta' Kristu | Fi Triq l-Immakulata |
| Qalb ta' Ġesù | Fi Triq Xandru |
| Il-Kunċissjoni | Mal-genb tal-Knisja ta' Santa Tereża |
| | Bejn djar 135/136, Triq San Pawl |
| | Fi Triq id-Dejqa |

| | |
|---|---|
| | Fil-pjazzetta Hubbard Flats |
| | Qrib Nru. 26, Triq San Ġorġ |
| | Fi Triq il-Pelleġrinaġġ/Triq San Mark |
| | Blokk XVI C, Triq il-Gendus |
| Madonna tal-Midalja jew tar-Raġġi | Fi Triq Xandru |
| | 51, Triq San Lazzru |
| | Fil-Parapett Nru, 8, Triq l-Immakulata |
| Madonna bil-Bambin | Fid-Deħla fil-Blat taħt il-Mina ta' Għajn Dwieli |
| | Fi Triq Xandru (It-Triq ta' l-Iskola) |
| Santa Marija | Fi Triq Bieb Bormla |
| Madonna ta' Trapani | Mal-faċċata tal-knijsa ta' Santa Tereża |
| Madonna tal-Karmnu | Fi Triq Nelson |
| Id-Duluri | Fi Triq Santa Liena |
| Qalb ta' Ġesù u ta' Marija | Triq Matty Grima (Qabel Marija Inkurunata) |
| Sant'Anna u l-Madonna | Fi Triq Xandru/Triq Nelson |
| **Qaddisin** | |
| San Ġużepp | Fi Triq Feliċ |
| San Mikiel | Fi Triq S. Margerita/Triq Matty Grima |
| San Pawl | Fil-faċċata Nru. 37, Triq Santa Margerita |

## Xbihat li tneħħew

Niċċa tal-kunċizzjoni u d-Duluri qrib djar 29/30 Triq San Mikiel tneħħiet u m'għadhiex hemm niċċa tal-Madonna li kienet fi Triq il-Mitħna. Fil-Mina ta' Santa Liena wkoll kienhemm kwadru ta' Santa Liena. Wara li kien sar restawr tal-mina kienet tneħħiet il-pittura ta' Santa Liena li ma kienetx ta' xi valur artistiku u wara kienet tpoġġiet pittura sabiħa f'għamla ta'nofs tond, kopja ta' 'Allegorija ta' l-Ordni ta' San Ġwann' li wara restawr ieħor tneħħiet minn postha u ma reġgħetx tpoġġiet. **Nittamaw li terġa' titpoġġa f'postha meta jintemm ix-xogħol li qiegħed isir fil-mina!**

Minn dan kollu naraw li fil-Belt Cospicua għandna żewġ **Monumenti kbar**; it-tnejn marbutin mal-Madonna u storiċi. Wieħed tal-Pellegrinaġġ kolossali tad-19 ta' Novembru, 1944 u l-vittmi tal-gwerra Bormliżi u l-ieħor b'tifkira taċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni. Minn seba' **statwi kbar** li għandna ġewwa Bormla erbgħa dedikati lill-Madonna, tnejn minnhom lill-Kunċizzjoni Immakulata u tnejn lid-Duluri. L-istatwi l-oħra huma tal-Qalb ta' Ġesù, San Elija u San Pawl.

Meta niġu għal statwi iżgħar għandna disgħa, waħda tal-Kunċizzjoni stil ta' Murillo erbgħa tal-Madonna tar-Raġġi, tlieta tal-Madonna ta' Lourdes u waħda tal-Qalb ta' Ġesù. Magħhom għandna sitta u għoxrin niċċa mqassmin hekk; dedikati lill-Madonna sittax, sebgħa lill-Kunċizzjoni, tlieta lill-Madonna tar-Raġġi, tnejn lill-Madonna bil-Bambin, u waħda lid-Duluri, Santa Marija, Madonna ta' Trapini u lill-Madonna tal-Karmnu. Ħamsa dedikati lil Ġesù, tlieta minnhom lill-Kurċifiss, waħda lill-wiċċ ta' Kristu uwaħda lill-Qalb ta' Ġesù. Hemm oħra dedikata lill-Qalb ta' Ġesù u lill-Qalb ta' Marija u waħda kull wieħed lil San Ġużepp, San Pawl, Sant'Anna u San Mikiel. Dan kollu juri li f'Bormla għandna għadd sabiħ ta' monumenti statwi u niċeċ li jsebbħu din il-belt antika u storika tagħna. Napprezzawhom, ngħożżuhom u nieħdu ħsiebhom.

C/:Sunny A/: Artikli Statwi u Niċeċ fit-Toroq ta' Bormla